## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor.Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D

**Appell Numru 221/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Emmanuel Briffa.**

**Seduta 30 ta' Novembru, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Emanuel Briffa, detentur tal-karta tal-identita numru 384666(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fit-2 t'April, 2015 għall-ħabta tal-12.00 u fil-ġranet u snin ta' qabel ġewwa l-fond 169, Flat 5, Triq l-Arkata, Paola

1) Żamm xi għasafar, kemm ħajjin kemm mejtin, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma pprojbiti taħt ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (A.L. 79 tal-2006), u li uħud minnhom huma nklużi fi

Skeda 1 u Skeda IX bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti u meta dawk l-għasafar ma kinux ġew dikjarati u reġistrati mal-awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma kellu l-permessi jew ċertifikati mill-awtorita' kompetenti sabiex iżomm dawk l-għasafar u dan bi ksur tar-regolament 4(1)(e) tal-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat bl-L.S. 504.71;

2) Żamm xi għasafar, kemm ħajjin jew mejtin, jew parti minn għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi meta dawk l-għasafar ma kinux ittieħdu fi Stat Membru ieħor fejn ikunu jistgħu jittieħdu jew jinqabdu legalment taħt id-dispożizzjonijiet taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar i-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat membru ieħor u dak l-għasfur ma kienx miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 bi ksur tar-regolament 4(1)(f) tal-A.L.79 tas-sena 2006 hekk kif emendat bl-L.S. 504.71;

3) Naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu u għall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjuni (uħud inklużi fi Skeda 1 jew Skeda IX) kif provdut fil-paragrafi (e) u (f), il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kinux miksuba kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(f) tal-A.L.79 tal-2006 hekk kif emendat bl-L.S. 504.71;

4) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom mhix inkluża fl-Iskeda II u li ma kienux ġew reġistrati mas-

Sezzjoni fiż-żmien stipulat fis-subregolament (6) u dan bi ksur tal-L.S. 504.71 Regolament 21(5)

5) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom mhux inkluża fl-Iskeda III, uħud minnhom huma nklużi fi Skeda I u Skeda IX, li ma kienux ġew reġistrati mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fiż-żmien stipulat taħt ref.21(6) tar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur tar-Reg 21(5) tal-A.L. 79 tal-2006 kif emendat bl-L.S.504.71.

6) Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ittrasferixxa jew b'xi mod ieħor iddispona minn xi għasfur imsemmi fis-subregolament 4(1)(e) tar-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (A.L.79 tal-2006) u li uħud minnhom huma nklużi fi Skeda 1 u Skeda IX, u dan mingħajr ma għamel talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u mingħajr ma kellu awtorizzazzjoni bil-miktub dak it-trasferiment jew d-disponiment minn għand l-istess Taqsima u dan bi ksur tar-regolament 4(2) tal-L.S. 504.71;

7) Ipposseda xi eżemplari ta' xi speċi elenkati fi Skeda VI(a) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali u cioe' Ballottra Mustela nivalis meta ma kellux permess maħruġ minn qabel mill-Awtorita' Kompetenti jew mid-Direttur u dan bi ksur tar-Regolament 25(1)(a0 tal-A.L. 311 tas-sena 2006 u hekk kif emendat permezz tal-A.L.162 tal-2009;

8) Ukoll talli nhar it-2 t'April, 2015 għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10.00) ġewwa Triq il-Gudja Ħal Għaxaq u f'dawn il-Gżejjer mingħajr liċenzja individwali tar-

radjokuminikazzjoni mogħtija bil-miktub mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, stalla u / jew uża xi apparat ta' komunikazzjoni u cioe' ħames 'Amateur Radio Transmitting Frquency Bands' bi ksur tal-artikolu 30 tal-Kap 399 – l-Att biex jirregola komunikazzjonijiet elettroniċi tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet biex barra milli tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27(2) tal-A.L. 79 tas-sena 2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti ntalbet ukoll li barra li timponi l-multa applikabbli taħt ir-Regolament 49(2) tal-A.L. 311 tal-2006 tordna l-konfiska tal-corpus delicti u l-iskwalifika u ż-żamma jew l-akkwist ta' xi liċenzja, permess jew awtorita' maħruġ taħt l-A.L. 311 tal-2006 għal żmien mhux anqas minn sena.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex minbarra l-piena tordna l-konfiska tal-apparat favur il-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-artikolu 31 tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta)bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-2 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Emanuel Briffa' li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu

għall-ħlas ta' multa ta' €1500, ordnat il-konfiska tal-esibiti kif ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja tiegħu għal tliet snin;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emanuel Briffa intavolat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Mejju 2018 li bih talab lil din il-Qorti **tirrevoka** s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u, b'mod sussidjarju, li tibdel il-piena imposta, b'piena aktar ekwa u ġusta.

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz, brevement rakkontati, huma li waqt li Pulizija tal-Administrative Law Enforcement Unit kienu fuq ronda fl-inhawi ta' Hal Ghaxaq innotaw persuni gewwa vettura li kienet qed taghmel uzu minn VHF Radio. Minn tfittxija fil-vettura instabu tlett VHF radios ohra. Dak li kien qed juza seta' jidhol bih fuq il-frekwenza tal-Pulizija. Minn tfittxija fir-residenza tieghu irrizultaw ammont ta' ghasafar ibbalzmati uhud minnhom mhux registrati kif ukoll ghasfur prottett li kien haj gewwa guva;

2. L-appellant jillanja s-sentenza appellata bi gravmi dwar l-apprezzament tal-provi kif ukoll dwar il-piena kominata. Tajjeb ghalhekk li tkun riprodotta d-deposizzjoni tax-xhieda in sintesi bil-ghan li din il-Qorti tkun f'qaghda tiddeciedi jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx waslet ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha ragjonevolment kif ukoll legalment;

3. Permezz ta' affidavit, PC 220 Lawrence Cardona xehed illi fit-2 t'April 2015 għall-ħabta tal-12.00 waqt li kien ma' PC 1209 u l-Ispettur Jurgen Vella fl-inħawi tal-Ħal-Għaxaq fi Triq il-Gudja osserva vettura fejn ix-xufier kellu f'idejh VHF Radio. Fil-vettura sabu 3 VHF radios oħra. Kull radio kellu c-Channels miftuħa u seta' jaqbad il-frekwenzi kollha fosthom tal-Pulizija. Wieħed kien tal-marka Wouxon u tlieta tal-marka Baofeng. Fi spezzjoni fir-residenza tal-persuna intercettata kien hemm ghadd ta' għasafar ibbalzmati u għasfur haj li huwa protett, Dizz, li kien elevat;

4. SM 645 J Attard xehed illi kien akkumpanja lis-Sur Stanley Gatt (uffiċjal tal-Mepa) li kien qed jispezzjona it-tajr fil-proprjeta' tal-appellant u li ħareġ riċevuta tat-tajr li kien ikkonfiskat;

5. PC 711 R Magro ukoll xehed li kien fir-residenza waqt it-tfittxija u ezami tal-ghasafar u li wara li inharget ir-ricevuta uhud mit-tajr konfiskat ittiehed sabiex ikun ttagjat u minn hemm fil-Muzew l-Imdina;

6. Fl-affidavit tieghu, PC 1209 E.Grima jghid li ra lill-appellant isuq il-karozza Pajero u f'idejh kellu VHF radio

f'liema vettura instabu VHF radios. Wara marru fir-residenza 169 flat 5 Triq l-Arkata Raħal Ġdid u saret tfittxija fejn instabet vetrina li kien fiha tajr ibbalzmat. Ġo guva nstab għasfur protett li kien Dizz u li kien elevat.

7. Stanley Gatt, li kien Manager tal-iSpecial Enforcement Branch tal-Wild Birds Regulation Unit xehed illi fit-2 t'April 2015 kien assista lill-Pulizija fi spezzjoni ġewwa 169 Flat 5 Arcase Street. Kellu wkoll parti mill-kollezzjoni ta' ċertu James Nazzareno li joqgħod 163 Flat 1 Arcade Street Paola. Irrizultalu li l-imputat kien għamel żewġ dikjarazzjonijiet ta' tajr protett ibbalzmat waħda fis-sena 1998 li kienet tinvolvi 180 eżemplari u l-oħra fl-2003 li kienet tinvolvi 340 eżemplari. James Nazzareno wkoll kien għamel żewġ dikjarazzjonijiet, waħda fis-sena 1998 ta' 35 eżemplari u l-oħra fis-sena 2003 ta' 31 eżemplari. Ix-xhud għamel elenku ta' dak kollu li kien hemm fir-residenza tal-appellant. L-appellant kien qallu wkoll li d-dikjarazzjoni tal-2003 kienet superata bid-dikjarazzjoni tal-1998 għaliex fid-dikjarazzjoni tas-sena 2003 huwa reġa' ddikjara dak kollu li kellu fis-sena 1998 u magħhom żied xi eżemplari addizzjonali li kien akkwista bejn l-1998 u l-2003. Ix-xhud kien għamel dan il-cross checking fil-konfront tad-dikjarazzjonijiet li kien għamel James Nazzareno. Kien hemm għasafar fir-residenza li ma kienux jidhru fid-dikjarazzjonijiet kollha li kienu indikati lilu mill-appellant. L-appellant kellu fil-pussess tiegħu eżemplari minn għand is-sur Nazzareno James minghand min kien akkwista l-appellant. Wara li sar l-eżerċizzju irriżultalu li kien hemm 28 tajra li huma mħarsa iżda '*imkien ma kienu jidhru fir-*

*reġistrazzjonijiet kollha li kellu quddiemu.'* (fol 73 u 74). Dawn huma speci mħarsa izda ma kienux rreġistrati;

8. Ix-xhud tenna jghid li rriżultalu wkoll li kien hemm numru konsiderevoli ta' għasafar li kienu rreġistrati oriġinarjament mill-appellant fis-sena 2003 u li ma kienux fost l-ghasafar misjuba fir-residenza tieghu u li l-imputat kellu l-obbligu li jinforma lid-dipartiment jekk jiddisponi jew jiddistruġġi dawn l-għasafar u ta' dan esebixxa elenku konsistenti f'hames pagni ta' speci minn fol 75 sa fol 79;

9. Jghid ukoll illi apparti dan, kien hemm ukoll Ballottra li hija wkoll imħarsa bil-liġi u li għaliha l-appellant ma kellux il-permessi neċessarji. Kellu għasfur ħaj (pipit dizzu) fil-kustodja tiegħu li huwa protett u mhux captive bird u li dan kien imlibbes 'split ring' li izda ma kienx ċurkett awtorizzat mill-Awtoritajiet għaliex kien jaqa' taħt id-definizzjoni ta' closed ring. Dan kien split aluminium ring bin-numru 641 11 G.

10. Ivan Borg, Uffiċjal tal-Awtorita' Maltija għall-Komunikazzjoni, xehed illi l-imputat ma ghandu l-ebda licenzja ghall-VHF radio skond kif rikjest mill-artikolu 30 tal-Kap 399. Dawk misjuba fil-pussess tieghu kienu nstallati b'batterija u antenna u seta' jużhom, haga li ghamel hu stess biex jezamina l-frekwenza.

11. L-Ispettur Colin Sheldon xehed li waqt spezzjoni fuq kacca nnutaw persuna ġo Pajero DBV 887 li deher li kellu qisu radio elettroniku. Fuqu sabhulu r-radju li kien qed juża u erba' radios oħrajn li kienu għadhom ġol-kaxxa ġodda fjamanti. Ir-

radio kien qed jużah biex jitkellem u biex jisma' u kien lest u komplut tant li minn fuqu bdew jisimgħu r-radio tal-pulizija. Meta marru fid-dar tieghu ma sabux aktar radios iżda sabu kollezzjoni ta' għasafar u fuq il-bejt kien hemm guva li kellha fiha ghasfur protett.

12. L-Ispettur Jurgen Vella xehed illi ra lill-appellant bil-VHF radio li kien qiegħed barra mit-tieqa. Fil-vettura nstabu erba' radios oħra tad-ditta Waxon u Wafeng. Malli bdew jezaminawh kien interċettat c-channel tal-Pulizija. Wara saret tfittxija fil-flat tal-appellant u bħax-xhud ta' qablu rrefera għall-guva kif ukoll għall-kollezzjoni ta' tajr li parti minnha ma kinitx reġistrata mal-Awtorita' kompetenti;

13. Xehed ukoll bhala xhud tad-difiza, s-Sur Justin Delezio li qal li l-imputat kien avviċinah peress illi ma kienx jaf juża l-internet u talbu jġiblu walkie talkie mill-internet. Kien ġabhomlu u tahomlu. L-appellant kien tah karta bl-isem eżatt x'għandu jġiblu u ghaddihom lill-imputat ippakjati kif ircevihom;

14. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jittratta b'mod estensiv dwar ir-responsabilita' vikarja, minghajr, izda ma jindirizza r-rilevanza ta' din il-lanjanza tieghu. Jidher illi ghamel dan b'mod introduttorju ghall-lanjanza tieghu elenkata bhala B u li ghalhekk l-aggravju elenkat bhala A mhux ezattament aggravju fil-veru sens. Fl-aggravju tieghu kif estiz fil-paragrafu B, l-appellant jillanja li l-prosekuzzjoni kellha tipprova li it-tajr kien tal-appellant u li kien l-esponenti li naqas milli jirregistra dan it-tajr bl-intenzjoni li jiddisponi

minnu u li effettivament iddispona minnu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din il-linja difensjonali. It-tajr instab fil-pussess tal-imputat. Dan seta' biss ikun fil-pussess tiegħu jekk awtorizzat skond il-ligi, haga li rrizulta li ma kienx kwantu ammont ta' speci. Hekk kif kellu ammont sostanzjali ta' tajr ibbalzmat debitament registrat, kellu jkun kull speci fil-pussess tieghu. L-artikolu 4(1) (e) tal-AL79/2006 kif emendat jiddisponi illi:

'*ebda persuna m'għandha tkun fil-**pussess** jew ikollha fil-**kontroll** tagħha jew iżżomm kampjuni ta' għasafar, kemm ħajjin jew mejtin....sakemm ma jġibx prova li dak l-għasfur ikun ġie ddikjarat mal-Awtorita' għall-Ambjent.*

15. L-Ghasafar kienu fil-pussess u l-kontroll tal-imputat gewwa daru u dak kien bizzejjed sabiex il-Prosekuzzjoni tkun skontat il-grad tal-prova minnha mistenni. Din il-konsiderazzjoni testendi ukoll fuq il-lanjanza elenkata bhala B.1 fejn l-appellant iressaq l-argument illi : "*Il-Prosekuzzjoni, fl-umli fehma tal-esponent b'mod zbaljat ghall-ahhar, assumiet illi galadarba l-imsemmija tajr kien jinsab flimkien mat-tajr illi kien irregistrat fuq isem l-esponenti, mela allura assumiet illi tajr li ma kienx irregistrat kien proprjeta' tal-esponenti ukoll!*";

*16.* Fil-fehma tal-Qorti, din hija kwisjtoni ta' prova indizzjarja u mill-provi li ressqet il-prosekuzzjoni, l-fatt illi dawn it-tjur instabu fil-pussess tal-imputat, fi hwejjgu, flimkien ma' tjur ohra li pero' kienu debitament registrati, kienu jippuntaw f'direzzjoni wahda u ghalhekk kienet prova

univoka kontra l-appellant. Il-Qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-appellant li l-prosekuzzjoni kellha tipprova li t-tajr kien ta' proprjeta ' tieghu. Bizzejjed li ssir referenza ghar-regolament citat *supra;*

17. L-appellant jargumenta ukoll illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li kellu l-intenzjoni biex ma jirreġistrax it-tajr. L-appellant kien xjenti tal-fatti illi dak l-pussess ta' dak it-tajr kien jirrikjedi registrazzjoni bhalma kien ghamel f'okkazjonijiet ohra;

18. L-appell tal-imputat jestendi ukoll fuq is-sitt imputazzjoni dwar disponiment jew trasferiment tat-tajr minghajr ma inghata l-avviz debitu lill-Awtorita'. F'dan l-aggravju, l-appellant jghid illi '*huwa kien iddispona minn tali tajr madwar għaxar (10) snin qabel l-imsemmija spezzjoni, fejn dak iż-żmien ma kienx jinkombi l-ebda obbligazzjoni fuq (l-appellant) li jinforma lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u konsegwentement ma kellu bżonn l-ebda awtorizzazzjoni sabiex tali disponiment seta' jsir'.* Din id-dikjarazzjoni saret per via ta' lanjanza izda mkien ma tirrizulta mill-atti processwali;

19. Il-Qorti tifhem illi l-appellant espona dan bil-hsieb li tkun mqanqla l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni anke *marte proprio* minn din il-Qorti inkluz f'dan l-istadju la darba l-preskrizzjoni hi kwistjoni ta' ordni pubbliku. Issa, l-Ufficcjal mill-Ufficcju tal-Avukat Generali, Dr. Maria Francesca Spiteri ghamlet sottomissjoni b'esposizzjoni korrettissima tal-ligi in rigward fejn jirrizulta illi l-Avviż Legali 41/2003 kien emenda l-Avviż

Legali 143 tal-1993 u daħħal il-kunċett li ħadd ma seta' jiddisponi minn xi għasfur mingħajr il-permess tad-direttur. Dan l-Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003. L-Avviż Legali 79/2006 ħassar l-obbligu li titlob il-permess. Dan l-obbligu tneħħa fid-29 ta' Marzu 2006 meta daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 79/2006. L-obbligu reġa' daħal fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 39/2007 fit-2 ta' Marzu 2002. Isegwi li ma kienx hemm obbligu li titlob permess bejn id-29 ta' Marzu 2006 u t-2 ta' Marzu 2007;

20. Il-Qorti ma tara ebda cirkostanza ghaliex ghandha hi stess tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-parametri taż-żmien mogħtija fiċ-ċitazzjoni huma fit-2 t'April, 2015 u fil-ġranet u s-snin ta' qabel. Dawn il-parametri japplikaw għall-imputazzjoni bin-numru 6 li tibda 'U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi ttrasferejt'. Anke li kieku din il-Qorti kellha taccetta bhala fatt li d-disponiment kien sar ghaxar snin qabel, igifieri fis-sena 2005 meta wieħed iqis in-natura kontinwata tar-reat kosistenti fin-nuqqas ta' registrazzjoni, l-appellant certament li m'ghandux ragun;

21. L-appellant ma jressaq ebda gravami dwar sejbien ta' htija kwantu l-pussess tat-tajra protetta u tal-pussess tal-apparat tal-VHF minghajr licenzja u ma tistax f'dan l-istadju taccetta aggravji godda anke jekk fis-sottomissjonijiet tieghu l-appellant indirizza ukoll l-imputazzjoni dwar il-VHF radios;

22. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dik tal-ewwel grad setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex ghandha takkolji l-appell kwantu s-sejbien ta' htija;

23. L-appellant jillanja s-sentenza appellata ukoll mill-aspett tal-piena erogata u jressaq l-argument validissimu illi l-piena ghandha tkun mezz ta' riforma u mhux ta' retribuzzjoni b'forma ta' tpattija. Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan u kkunsidrat illi l-piena applikabbli kwantu l-pussess tal-VHF radios wahidha tammonta ghall-tlett mitt euro ghall-kull bicca ta' apparat li f'dan il-kaz kienu erbgha. Qieset ukoll illi l-appellant jidher li ma ghandu l-ebda rispett lejn il-harsien tal-ghasafar selvaggi u r-regoli li jaghmlu mieghu skond kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu. Tqis illi l-piena kienet fil-parametri tal-ligi moghtija fil-minimu taghha u ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud u s-sospensjoni tal-licenzja tibda tiskorri mil-lum;